MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 597/2006

**Faten Y Kettoola (I.D. Nru 0016866(A))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentata mill-attrici fit-30 ta’ Gunju, 2006, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi r-rikorrenti twieldet Basrah, Iraq nhar l-20 ta’ Ottubru 1958;

Illi r-rikorrenti saret cittadina Maltija nhar is-17 ta’ Marzu, 2006;

Illi d-dettalji personali r-rikorrenti mahruga gewwa Basrah, Iraq, jikkonfermaw il-fatt illi r-rikorrenti twieldet nhar l-20 ta' Ottubru 1958. Fil-fatt kemm ic-certifikat tat-twelid (Dok "FK1") u l-karta ta' l-identita (bit-traduzzjoni relattiva) (Dok "FK2") mahruga awtoritajiet kompetenti gewwa l-Iraq, juru bic-car li d-data tat-twelid tar-rikorrenti huma l-20 ta' Ottubru 1958;
Illi r-rikorrenti dejjem sostniet illi hija twieldet nhar l-20 ta' Ottubru 1958. Dan il-fatt jemergi wkoll mill-ittra mahruga mill-Kummissjoni ta' l-Emigranti (Dok "FK3") mill-passaport Malti (Dok "FK4"), mill-karta ta' l-identita Maltija (Dok "FK5") u mic-certifikat ta' cittadinanza Maltija (Dok "FK6");
Illi r-rikorrenti persenzjalment ghal darba ohra tiddikjara u tikkonferma illi hija twieldet nhar l-20 ta' Ottubru 1958;
Illi inoltre hu r-rikorrenti, Sarmed Kettoola, wkoll jikkonferma illi r-rikorrenti twieldet gewwa Basrah, Iraq, nhar l-20 ta' Ottubru 1958 (Dok. "FK7");
Illi r-rikorrenti wara li saret cittadina Maltija, applikat ghal certifikat ta' l-Att tat-Twelid, izda meta dan gie redatt u rilaxxjat irrizulta illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku indika bhala data ta' twelid tar-rikorrenti d-data erronja ta' l-1 ta' Lulju 1958 (Dok "FK8");

Illi r-rikorrenti ghandha kull interess illi titlob korrezzjoni fid-data tat-twelid taghha;

Illi r-rikorrenti diga intavolat rikors quddiem il-Qorti ta' Revizzjoni ta' l-Atti Notarili izda minghajr success (ara Dok "FK9" u "FK10");

Talbet lill-intimati jghidu ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara illi r-rikorrenti twieldet nhar 20 ta' Ottubru 1958 gewwa Basrah, l-Iraq;
(2) Tiddikjara illi l-Att ta' Twelid tar-rikorrenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa erronju stante li jindika data ta' twelid tar-rikorrenti hazin;
(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega sabiex id-data ta' twelid tar-rikorrenti tinbidel ghal dik ta' l-20 ta' Ottubru 1958;

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna;
2. Illi fir-rigward tat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat l-intimati jirrilevaw illi meta r-rikorrenti ipprezentat ruhha fir-Registru Pubbliku biex tirregistra l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progessiv ta' iskrizzjoni 1291 tas-sena 2006 ai termini ta' l-Artikolu 244 tal-Ligijiet ta' Malta, l-informazzjoni li hi rikjesta mill-ligi inghatat mir-rikorrenti stess anke permezz ta' dokument li pprezentat fir-Registru Pubbliku intitolat "Certificate of Birth, Baptism and Confirmation". Fil-fatt fuq dan id-dokument li hu anness ma l-Att tat-Twelid in kwistjoni rregistrat fir-Registru Pubbliku hemm specifikat illi r-rikorrenti twieldet fl-1 ta' Lulju 1958. Effettivament l-annotament fuq l-Att tat-Twelid registrat fir-Registru Pubbliku jispecifika li "The original of this Act of Birth is a true photostatic copy of a certificate of Birth, Baptism and Confirmation kept at St Joseph Chaldean Church in Iraq together with an affidavit and filed for registration in this office by the hereinmentioned Faten Kettoola";
3. Illi kif titlob il-procedura, l-ufficcjal pubbliku qara d-dettalji li gew indikati fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni biex ivverifika li d-dettalji huma kokrretti u ma jirrizultax li r-rikorrenti kellha xi oggezzjoni;
4. Illi l-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li l-korrezzjonijiet fuq Atti ta' l-Istat Civili isiru biss b'ordni tal-Qorti u l-ligi tistipula li din il-korrezzjoni ghandha issir ai termini ta' l-Artikolu 253 tal-Kap. 16;
5. Inoltre, l-intimati jirrilevaw illi d-dokumenti mahruga mill-Awtoritajiet Maltin u cioe' mill-Ufficcju tac-Cittadinanza u mill-Ufficcju tal-Passaporti mhumiex konformi ma l-informazzjoni u d-dokument li tat ir-rikorrenti stess lill-ufficjal tar-Registru Pubbliku, fejn id-data tat-twelid tar-rikorrenti ma taqbilx ma l-informazjoni li r-

rikorrenti stess iddikjarat meta marret tirregistra l-Att tat-Twleid (1291/2006) li gie redatt fuq id-dokument li pprezentat hija stess u sta ghar-rikorrenti biex taghti spjegazzjoni gustifikata ghaliex ipprezentat dokumenti diversi li jindikaw data ta’ twelid differenti lill-awtoritajiet differenti. Fil-fatt hija r-responsabbilita unika tar-rikorrenti li tipprezenta dokumenti li jikkorispondu mar-realta biex ma tisgwida lill-ebda awtorita pubblika;

6. Illi ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimati li ghaldaqstant m’ghandhomx jigu soggetti ghall-ispejjez ta’ l-istanti stante li kienet ir-responsabbilta unikament tar-rikorrenti li meta marret biex tirregistra l-Att tat-Twelid fir-Registru Pubbliku (Malta) taghti l-informazzjoni u d-dokumenti korretti;

8. Salv eccezzjonijiet ohra;

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi odjerni fejn jidher li hemm informazzjoni konfliggenti moghtija mir-rikorrenti stess f’okazzjonijiet differenti, l-intimati jirrimettu ruhhom ghall-provi fuq il-mertu ghall-gudizzju ta’ din l-Qorti u inoltre jirrilevaw li m’ghandhomx ibatu l-ispejjez ta’ l-istanti stante illi ma jirrizultax li sar zball da parti ta’ xi wiehed minnhom;

Rat in-Nota tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat in-Nota tax-xhieda ta’ l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Generali;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern Nru 9094 tas-17 ta’ Ottubru 2006 permezz ta’ l-avviz numru 1546.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici qeghda titlob korrezzjoni fid-data tat-twelid taghha skond kif tidher fic-certifikat tal-Insinwa sabiex fuq l-imsemmi certifikat tat-twelid taghha ikun jidher illi hija twieldet fl-20 ta' Ottubru 1958 gewwa Basrah l-Iraq, minflok kif hemm imnizzel li hija twieldet fl-1 ta Lulju 1958.

Illi l-attrici esebit ic-certifikat tat-twelid, il-karta ta' l-identita bit- traduzzjoni relattiva mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti mahruga mill-awtoritajiet kompetenti fl-Iraq illi juru bic-car illi d-data tat-twelid taghha kienet l-20 ta' Ottubru 1958. L-attrici esebit ukoll ittra mahruga mill-Kummissjoni ta' l-Emigranti kif ukoll passaport Malti u karta ta' l-identita Maltija u certifikat tac-cittadinanza Maltija illi juru kollha li hija twieldet fl-20 ta' Ottubru, 1958.

Illi in sostenn ta' dan hu l-attrici Sarmad Kettoola ukoll qieghed jikkonferma illi ohtu l-attrici twieldet f'Basrah l-Iraq nhar l-20 ta' Ottubru 1958. Illi dawn id-dokumenti jinsabu kollha esebiti f'dawn l-atti bhala dokumenti FK 1 sa Dokument FK 7.

Illi jirrizulta mill-att tat-twelid tar-Registru Pubbliku ta' Malta tal-attrici illi hija twieldet fl-1 ta' Lulju 1958 u l-attrici tikkontendi li dan sar bi zball peress illi kif diga intqal hija effettivament twieldet l-Iraq fl-20 ta' Ottubru 1958.

Illi l-konvenuti eccepew illi kienet l-istess attrici illi tat informazzjoni zbaljata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u konsegwentement huma ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' din il-kawza.

Illi permezz ta' verbal ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' Frar, 2007 Dr Filletti ghall-attrici iddikjara illi l-attrici hija disposta illi thallas l-ispejjez kollha ta' din il-kawza u Dr D'Alessandro ghall-konvenuti iddikjarat illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kollha ta' l-attrici purche illi l-konvenuti ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-attrici resqet provi bizzejjed b'mod illi l-Qorti tista takkolja it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi l-kawza bllli tilqa t-talbiet attrici u (1) tiddikjara illi l-attrici twieldet fl-20 ta' Ottubru 1958 gewwa Basrah l-Iraq, (2) tiddikjara illi l-att tat-twelid tar-rikorrenti mahruga mid-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa erronju stante li jindika data tat-twelid tal-attrici hazin u (3) tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega sabiex id-data tat-twelid ta' l-attici tinbidel ghal dik tal-20 ta' Ottubru 1958.

Il-Qorti tordna li kopja vera ta' din is-sentenza ghandha tinghata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur Qrati u Tribunali Civili.

L-Ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------